2026/1316

10.6.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/1316

tad-9 ta' Ġunju 2026

dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) (EUPM Armenia/1/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/894 tal-21 ta' April 2026 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2026/894, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap ta' Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fl-20 ta' Mejju 2026, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet il-ħatra tas-Sur Cosmin George DINESCU bħala l-Kap ta' Missjoni tal-EUPM Armenia mill-11 ta' Ġunju 2026 sal- 31 ta' Mejju 2027.

(3) Għalhekk jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tas-Sur Cosmin George DINESCU bħala Kap ta' Missjoni tal-EUPM Armenia mill-11 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Cosmin George DINESCU huwa maħtur Kap ta' Missjoni tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia) mill-11 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

L. MANDEL VENSILD

([1]) ĠU L, 2026/894, 22.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/894/oj.